MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 137/2014

Rikors Numru 137/14 FDP

Fl-atti tal-Ittra Ufficjali bin-numru 2143/13 fl-ismijiet

**Raymond Fauzza**

**vs**

**Jonathan Mifsud**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta’ Jonathan Mifsud ippresentat fil 15 ta’ April 2014 fejn, filwaqt illi ghamel referenza ghall Ittra Ufficjali 2143/13 mibghuta minn Raymond Fauzza kontra tieghu fl-10 ta’ Settembru 2013, stqarr illi tali Ittra Ufficjali giet notifikata lill ommu Mariella Mifsud fl-indirizz 42, Margerita, Triq San Vincenz de Paule, Luqa, filwaqt illi huwa jghix go indizz iehor, ossija Flat 5, Carlow Court, Triq Angelo Dorini, Siggiewi.

Rat illi ghalhekk ir-rikorrent sahaq illi huwa ma giex notifikat kif trid il-Ligi u ghalhekk talab illi, a tenur ta’ l-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12, l-Ittra Ufficjali 2143/13 tigi dikjarata nulla u bla effett.

Rat illi Raymond Fauzza gie notifikat bir-rikors promotur fl-20 ta’ Mejju 2014.

Rat illi fit 30 ta' Mejju 2014 ir-rikorrent deher il-Qorti u ikkonferma li huwa jghix fl-indirizz Flat 5, Carlow Court, Triq Angelo Dorini, Siggiewi filwaqt illi esebixxa kopja legali ta' l-Ittra Ufficjali li turi illi l-ittra kienet giet notiikata lilu fit 8 ta' Marzu 2014 gewwa l-indirizz 42, Marguerita, Triq San Vincenz de Paule, Luqa f'idejn huh, Herbert Mifsud.

Rat illi r-rikorrent, seduta stante, wera l-karta ta' l-identita' tieghu 'animo ritirandi', illi turi ili huwa attwalment jghix fl-indirizz Flat 5, Carlow Court, Triq Angelo Dorini, Siggiewi.

Rat illi, a tenur ta' l-artikolu 187 (1) tal-Kap 12, notifika trid issir "fil-lok fejn toqghod jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali" tieghu.

Rat illi jdher car mill-provi illi l-ittra ufficjali meritu tar-rikors odjern ma giex notifikat fil-lok fejn joqghod ir-rikorrent, izda fil-lok fejn toqghod omm ir-rikorrent.

Illi ghalhekk it-talba tar-rikorrenti hija wahda korretta u jithoqq li tigi milqugha.

Ghalhekk, il-Qorti qieghda tiddikjara it-titolu ezekuttiv ottjenut permezz ta' l-ittra ufficjali 2143/13, liema ittra giet reza esekuttiva skond Art 166A tal-Kap 12 fis-17 ta' April 2014, ghandu jigi rexiss u qed jigi dikjarat null u bla effett peress illi d-debitur ma kien jaf bl-ittra ufficjali stante illi ma giet notifikat skond kif trid il-Ligi.

Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku ta' l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------